

- iv. jitpoġġew f'forom jew f'ippakkjar għal bejgħ bl-imnut, u
- v. huma espliċitament ippreżentati u kkummerċjalizzati bħala li għandhom skopijiet mediċi u li jipproduċu l-effetti identifikati fil-punt (iii) iktar 'il fuq,

għar-raġuni li l-materjal jew il-komponent li jagħtihom il-karattru essenzjali tagħhom huma prodotti kimiċi, minflok jiġu kklassifikati taħt is-subintestatura 3005 (abbażi tal-formulazzjoni tas-subintestaturi, tan-noti tat-taqsimha jew tal-kapitoli u tan-noti ta' spjega tar-Regola Ġenerali ta' Interpretazzjoni I applikabbli, għaliex il-loġika tar-Regola Ġenerali ta' Interpretazzjoni 3(a) teżiġi klassifikazzjoni konformement mad-deskrizzjoni l-iktar speċifika, jew fuq kwalunkwe bażi oħra)?

(¹) ĠU 2016, L 189, p. 1.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz (l-Awstrija) fl-4 ta' Marzu 2019 — NK vs MS u AS

(Kawża C-208/19)

(2019/C 172/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landesgericht für Zivilrechtssachen Graz

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: NK

Konvenuti: MS, AS

Domandi preliminari

- 1) Kuntratt bejn perit u konsumatur, li jgħid li l-perit għandu jwettaq (biss) l-ippjanar ta' dar individwali (detached) ġdida li għandha tinbena, b'mod partikolari billi jfassal il-pjanti, huwa kuntratt "għall-konstruzzjoni ta' bini ġdid" fis-sens tal-Artikolu 3(3)(f) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (¹)?

2) F'każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda:

Kuntratt bejn perit u konsumatur, li jgħid li l-perit jintrabat li jwettaq, skont ir-rekwiżiti u x-xewqat tal-mandanti tiegħu, l-ippjanar ta' dar individwali (detached) ġdida li għandha tinbena u, f'dan il-kuntest, għandu jfassal il-pjanti, huwa kuntratt għall-provvista ta' "oġġetti li saru għall-ispeċifikazzjonijiet tal-konsumatur jew personalizzati b'mod ċar" fis-sens tal-Artikolu 16(c) u tal-Artikolu 2(3) u (4) tad-Direttiva 2011/83/UE?

(¹) ĠU 2011, L 304, p. 64.

Rikors ippreżentat fit-8 ta' Marzu 2019 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Finlandja

(Kawża C-217/19)

(2019/C 172/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Hermes, E. Ljung Rasmussen, aġenti)

Konvenuta: Ir-Repubblika tal-Finlandja

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li billi toħroġ b'mod rikorrenti permessi għall-kaċċa fir-rebbiegħa tal-Edreduni (Somateria mollissima) maskili fil-provinċja ta' Åland mill-2011, ir-Repubblika tal-Finlandja naqset milli tissodisfa l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 7(4) u 9(l)(c) tad-Direttiva 2009/147/KE (¹) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Finlandja għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Mill-2011, il-gvern tar-reġjun tal-gżejjer Åland, reġjun awtonomu fil-Finlandja, awtorizza b'mod rikorrenti kull sena "deroga għal kaċċa fir-rebbiegħa" tal-papri Edreduni maskili bi kwota totali minn 2000 sa 3800 għasfur matul ġimgħatejn sa tliet ġimgħat f'Mejju. Dan il-perijodu jikkoinċidi mal-perijodu ta' riproduzzjoni tal-Edreduni.

L-Artikolu 7(4) tad-Direttiva 2009/147/KE jipprojbixxi l-kaċċa matul il-perijodu ta' riproduzzjoni.

Il-Finlandja ssostni li l-kaċċa fir-rebbiegħa għall-Edreduni fil-gżejjer Åland hija ġġustifikata mid-dispożizzjoni ta' deroga tal-Artikolu 9(1)(c) tad-Direttiva 2009/147/KE. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri għandhom l-oneru li jipprovaw li ġew sodisfatti l-kundizzjonijiet ta' din id-dispożizzjoni.